30 ta' Marzu, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Lucy Prato *versus* Avukat Dr. Joseph Cassar Galea et. ne. (*)

**Pagament — Surrogazzjoni — Intervent fil-Kawża — Spejjeż Gudizzjarji — Art. 1207, 1208 u 1209 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Min jintervjeni f'kawża "in statu et terminis" ma jistax jirkupra u jieħu minn għand is-soċċombent l-ispejjeż li huwa kellu f'dik il-kawża, jekk ma jkunx hemm deċiżjoni espressa li tagħtih dak id-dritt.*

*Is-surrogazzjoni fid-drittijiet tal-kreditur dejjem hija materja "di stretto diritto", u għalhekk ma għandhiex lok, u ma tistax tiġi applikata, ħlief fil-każijiet espressi testwalment mill-liġi jew fil-konvenzjoni.*

*Il-kreditur li jħallas kreditur ieħor posterjuri għalih, imma li ma jkunx preferibili għalih, ma għandux dritt għas-surrogazzjoni fid-*

*drittijiet tal-kreditur minnu hekk imħallas, jekk ma jkunx gie surrogat minn dak il-kreditur f'dawk id-drittijiet.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attriċi talbet li, billi in segwitu għas-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-28 ta' Marzu 1950 fuq att taċ-ċitazzjoni numru 120/1950, preżentata fir-Reġistru ta' dina l-istess Onorabbli Qorti fil-jum 2 ta' Frar 1950, u fl-ismijiet "Monsinjur Kanoniku Giovanni Grech vs. Avukat Dr. Joseph Cassar Galea et. ne.", u li għall-attijiet relativi l-attriċi tagħmel umili riferenza, l-istess attriċi, li kienet giet ammessa "in statu et terminis" biex tikkontesta d-drittijiet ta' l-attur f'dak il-ġudizzju, ħallset lill-istess Monsinjur Grech is-somma ta' £22. 16. 2, kif jirriżulta mill-irċevuta unita maċ-ċitazzjoni dok. A, u s-somma ta' £1. 19. 6, għal spejjeż u drittijiet skond it-taxxa unita maċ-ċitazzjoni dok. B; u billi l-attriċi ma kienetx ġiet surrogata fid-drittijiet tal-kreditur dimess b'dak il-pagament; premessa kwalunkwe dikjarazzjoni meħtieġa u mogħti kwalunkwe provvediment relativ, l-attriċi tiġi minn dina l-Onorabbli Qorti kanonizzata kreditriċi ta' l-imsemmi wirt battal fiż-żewġ somom fuq indikati, ammontanti għal £24. 15. 8; bl-imgħax legali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tar-rikors ta' l-1 ta' Marzu 1951;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-attijiet tal-proċess l-ieħor u d-deċiżjoni relativa, u minn dawk ta' l-attijiet tal-proċess preżenti, jirriżultaw dawn il-fattijiet;

1. Illi l-Illustrissimu u Reverendissimu Monsinjur Kanoniku Dun Giovanni Grech, bħala ċessjonarju ta' Maria Concetta armla minn Salvatore Mifsud, Carmelo, Giovanni, Vincent, Maria mart Emmanuele Said, Josephine mart Antonio Zammit, Juliette mart Francesco Tanti, ulied il-mejjet Salvatore Mifsud, gie awtorizzat jeżegwixxi, b'deċiżjoni tat-28 ta' Marzu 1950, is-sentenza ta' dina l-Qorti tal-11 ta' Mejju 1927, billi d-debitur Dr. John J. Bellanti kien jinsab mejjet.

(*) Din il-kawża ġiet appellata, u ġiet differita "sine die" fil-25 ta' Gunju, 1951.

u kienu għaddew aktar minn tliet snin minn mindu s-sentenza setgħet tiġi eżegwita;

2. Ill l-ispejjeż tal-kawża ġew akkollati lill-kuraturi konvenuti nomine, bla ebda regolament dwar l-ispejjeż ta' l-intervenjenti in kawża;

3. Illi l-attriċi Lucy Prato, li interveniet fil-kawża "in statu et terminis", fl-4 ta' Mejju 1950 (dok. A proċess tal-lum) ħallset lill-kreditur fuq imsemmi s-somma ta' £22. 16. 2, għas-saldu tal-kreditu, aċċessorji u spejjeż tal-kawża msemmija, u ċjoè in kwantu għal £13. 2. 6, kapital dovut, in kwantu għal £3. 11. 4¼ imgħax ta' l-aħħar ħames snin fuq il-kapital mit-2 ta' Frar 1945, u in kwantu għall-kumplament għall-ispejjeż tal-kawża;

4. Illi l-imsemmija Lucy Prato kellha kreditu anterjuri għal dak tal-Monsinjur Grech li hija ħallset wara l-kawża imsemmija;

Illi l-attriċi odjerna, in vista tal-pagament fuq imsemmi, qiegħda tippretendi li għandha d-dritt li tkun surrogata għall-ammont li hija ħallset lill-imsemmi Monsinjur Grech, kif ukoll għall-ispejjeż li hija, bħala intervenjenti f'dik il-kawża "in statu et terminis", għamlet biex, kif allegat u qalet, tiddefendi l-wirt battal imsemmi u l-konvenuti l-oħra;

Illi, apparti li l-ispiża ta' £1. 19. 6 li l-attriċi, bħala intervjenti "in statu et terminis", għamlet fil-kawża msemmija, li hija qiegħda tippretendi, u li skond il-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati, fin-nuqqas ta' deċiżjoni espressa, ma tistax tiġi mill-intervenjenti miġbura u rikuperata minn min jissokkombi fl-ispejjeż (ara Appell 28 ta' Ġunju 1882 in re "Dimech ne. vs. Camilleri", Vol. IX, u Prim'Awla Civili 16 ta' Diċembru 1903 in re "Cameron nomine vs. Bezzina et.", Vol. XVIII, P. II, pag. 433), it-talba attriċi mhix legalment sostenibili. Tabilħaqq, skond l-art. 1207 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 Liġijiet ta' Malta (871 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868), min iħallas jidħol fil-jeddijiet tal-kreditur jew bis-saħħa ta' konvenzjoni, jew b'dispożizzjoni tal-liġi. U fl-artikoli ta' wara (1208 u 1209) rispettivament hemm dispost meta topera ruħha s-surroga b'konvenzjoni u s-surroga per mezz tal-liġi. Il-ħlas ta' l-attriċi ma jistax jingħad li jista' jaqa' taħt l-art. 1208, għal raġunijiet ċari li jidhru mill-fattijiet akkwiżiti għall-

kawża; u del resto, l-attriċi lanqas tippretendi li avveraw ruħhom l-ipotesijiet u każi kontemplati f'dak it-test tal-liġi. Jibqa' għal dina l-Qorti li teżamina jekk il-fatt dedott mill-attriċi jagħmelx jew jaqbelx ma' xi waħda mill-ipotesijiet imdaħħla taħt it-test ta' l-art. 1209;

Jingħad minnufih li l-każijiet kontemplati taħt l-ittri (b), (c) u (d) huma definitivament esklużi. L-ipotesi, imbagħad, kontemplata taħt l-ittra (a) ta' l-art. 1209 tal-Kodiċi Ċivili, l' formalment t'ppreskrivi l-akkoljiment tas-surroga "ipso jure" a favur ta' kreditur li jħallas lill-kreditur ieħor illi jkollu fuqu jedd ta' preferenza minħabba privileġġ jew ipoteka, ma tidherx lanqas li hija favorevoli għat-teżi attriċi. Huwa minnu li xi awtoritajiet jirritjenu, induttivament u loġikament, li l-kreditur anterjuri li jħallas lill-kreditur posterjuri, b'dak il-ħlas jiġi surrogat "ipso jure", bħal ma javvera ruħu fil-każ ta' ħlas minn kreditur posterjuri lill-kreditur anterjuri; eppure dina l-Qorti hija ta' l-opinjoni kuntrarja, sostnuta minn xi awtoritajiet oħra altrettantu awtorevoli; l-għaliex fejn it-test tal-liġi huwa ċar u kategoriku, ma hemmx lok ta' ebda interpretazzjoni loġika, u peress li s-surrogazzjoni hija materja, kif tissejjaħ, "di diritto stretto", l-istess ma għandhiex ikollha lok, u ma tistax tiġi applikata, ħlief fil-każijiet espressi testwalment mil-liġi jew mill-konvenzjoni (ara Troplong, Dei Privilegi e delle Ipoteche, Vol. I, paragrafu 357 in fine, u Grenier, Trattato delle Ipoteche. Volume I, paragrafu 91, paġina 216 u ta' wara, in partikulari paġ. 218 (ediz. Firenze, per Vincenzo Batelli e figli, 1833); Marcadè e Pont, Kumment għall-art. 1251 Vol. 1, VI, paġ. 638-639 (Napoli, Gius. Maghieri, 1875); Laurent Vol. 18, parag. 70, paġ. 62 u 63, u Duranton (edizzjoni Belga, Vol. VII, paġ. 68, parag. 152). Del resto, anki l-awtorevoli Carlo Molino, fil-"lectione dolana" no. 41, igħid li "non transeunt actiones ipso jure nisi casibus jure expressis";

Illi kwindi l-attriċi, li ħallset, kif tammett, kreditu posterjuri għaliha u li ma kienx għaliha preferibili, mhix intitolata li tara, in forza ta' l-istess liġi, it-talba tagħha milqugħa;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad it-talba attriċi; bl-ispejjeż.